MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 1940/2004

**Atlas Insurance Limited kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Paul Bartolo u l-istess Paul Bartolo f'ismu proprju**

**vs**

**Mario Scicluna**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Ottubru, 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' erba' mija u sebgha u erbghin liri Maltin u u sitta u tmenin centezmu (Lm447.86), jew somma verjuri, danni mhallsa mis-socjeta` attrici fuq vettura AAG 857 assikurata comprehensive hlief ghall-Lm25 (hamsa u ghoxrin lira Maltin) excess u ghal liema somma is-socjeta` attrici tinsab surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghhom Paul Bartolo u dan b'rizultat ta' habta li grat fit-18 ta' Lulju 2004, go tas-Sliema, meta waqt li l-

konvenut kien qed isuq il-vettura GAU 642 habat mal-vettura AAG 857 ta' Paul Bartolo u misjuqa minn Etienne Bartolo u ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' Settembru 2004, u bl-imghax tat-8% fuq Lm447.86 mis-6 ta' Settembru 2004, sal-hlas effettiv, u bl-ispejjez tal-ittra ufficjali pprezentata ma' l-Avviz tat-Talba, rikjesta mill-ligi, kontra Montaldo Insurance Agency Ltd., assigurturi tal-konvenut, u Lm15 konsult, kontra l-konvenut.

Ra n-nota tal-konvenut ipprezentata fis-seduta tas-7 ta' Marzu, 2005 l-istess konvenut ammetta t-talbiet attrici kif dedotti fl-Avviz.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni, it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' erba' mija u sebgha u erbghin liri Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm447.86) bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez ta' din l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali pprezentati fis-6 ta' Settembru 2004 u tad-19 ta' Ottubru, 2004 ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------